Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/51*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 51 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis 14 ta' Ġunju, 2012 fis-7.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 6-50

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Korrispondenza

3.01 Memo 22/2012 – Ħsarat jew ilmenti lill-Enemalta u Proposti għal-lampi ġodda.

3.02 Memo 23/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 34881 dwar talbiet li saru mill-Kunsilli Lokali għall-parkeġġ bi ħlas.

3.03 Memo 24/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 35500 dwar toroq li qatt ma saru u l-gvern ċentrali huwa responsabbli għalihom.

3.04 Is-Sinjuri Vincent u Glynis Pace infurmaw lill-Kunsill dwar ħsara li kien hemm fis-servizz tad-drenaġġ fi Triq il-Fanal fejn il-proprjeta tagħhom. Is-Sinjuri Pace qalu li kawża ta' din il-ħsara huma kellhom ħsara wkoll fil-proprjeta tagħhom u għalhekk kitbu lill-Korparazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar dan fejn anke talbu kumpens. Sadanittant il-ħsara fis-servizz tad-drenaġġ ġiet irranġata mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

3.05 Is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun ta' Għawdex informa lill-Kunsilli Lokali li l-Annual General Meeting tal-European Regions for Youth (ERY) ser issir f'Għawdex bejn it-18 u l-21 ta' Settembru 2012. Ir-Reġjun t'Għawdex qed jistieden lill-Kunsilli Lokali sabiex jinnominaw żagħżugħ/a sabiex jifforma parti minn tim loġistiku u mill-organizzazjoni ta' din il-konferenza.

3.06 L-Onor. Dr Chris Said bagħat ittra lid-Direttur Għall-Proġetti u Żviluppi (u kopja lill-Kunsill) dwar l-istat ta' Triq is-Seqer, L-Għasri. L-Onor. Said informa lid-Direttur li minn naħa tal-Kunsill diġa sar xi xogħol iżda l-Gvern Ċentrali għandu jara li jirranġa t-triq imsemmija peress li dan mhux possibbli li jsir minn naħa tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dwar din l-istess triq kien daħal ilment minn għand Coronato Calleja, li joqgħod Kerċem u għandu l-egħlieqi f'dawn l-inħawi. Il-Kunsill qabel li minn naħa tagħna diġa għamilna xi xogħol biex it-triq tkun aċċessibbli. Id-Dipartiment għall-Proġetti u Żviluppi mistenni li jkompli jtejjeb l-aċċess għall-bdiewa minn din it-triq.

3.07 Martin Else informa lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex bi proposta biex f'kull lokalita jiġu installati ħames 'ashtray' li jeħlu ma' arbli fit-toroq. L-ispiża ta' dawn il-ħames 'ashtray' tkun ta' €1165. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta.

3.08 Il-Perit Audrey Testaferrata de Noto minn Transport Malta infurmat lill-Kunsill li l-proposta tat-traffiku biex issir 'stop' fi Triq Wied Sara kantuniera ma' Triq Wilġa u kantuniera ma' Triq il-Knisja ġiet approvata. Proposta oħra biex isiru sinjali sofor fi Triq il-Fenek ġiet aċċettata wkoll. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieg dwar dawn il-proposti tat-traffiku. Il-Kunsill qabel ukoll li nitolbu lil Transport Malta biex l-ewwel darba dawn il-marki tat-traffiku jsiru minn naħa tagħhom u wara l-Kunsill jibqa' jieħu ħsieb li jinżammu fi stat tajjeb.

## 4. Tender – Xogħol ta' tarmak fi Triq il-Fanal

Is-Sur Pio Farrugia mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill li "d-Dipartiment mhux f'pożizzjoni li jaċċetta applikazzjonijiet ġodda tal-PPP għax dawn iżidu l-commitment finanzjarju tiegħu li bħalissa huwa eżawrit."

Dan ifisser li l-applikazzjoni li kienet saret biex Triq il-Fanal tinkesa bit-tarmak u l-Kunsill jakwista fondi mill-iskema PPP ma ġietx aċċettata. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa għadu għaddej b'diskussjonijiet mal-kuntrattur dwar ir-rati tat-tender.

Il-Kunsill qabel li għalissa m'għanda tittieħed ebda deċiżjoni u naraw jekk ikunx hemm xi żviluppi ġodda fil-laqgħat li jmiss. Il-Kunsill qabel ukoll li x-xogħol f'din it-triq lanqas għandu jsir fix-xhur tas-sajf peress li f'din it-triq hemm villaġġ turistiku u għalhekk ikun ta' inkonvenjent jekk ix-xogħol isir f'dan iż-żmien.

## 5. Rapport Annwali Amministrattiv 2011

Id-dokument (Rapport Annwali Amministrattiv 2011) diġa kien tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport li ġie approvat unanimament.

## 6. Trasport għal bajja tal-Qbajjar

Kif isir ta' kull sena l-Kunsill qabel li għandna niprovdu trasport speċjalment għall-anzjani mil-lokalita ta' L-Għasri sal-bajja tal-Qbajjar u lura. It-trasport se jibda minn nhar it-Tnejn 25 ta' Ġunju, jitlaq fl-4.00pm u lura fis-6.45pm. Il-Kunsill qabel li s-servizz ta' minibus għandu ikun provdut minn Godfrey Borg. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna nagħmlu l-avviżi dwar dan is-servizz u b'hekk ir-residenti ikunu infurmati. L-avviż ser isir fuq il-bulettin tal-parroċċa.

**7. Materja oħra**

7.01 Maria Zammit ta' 'MikeMary', Triq l-Mgarr, Għajnsielem u li għandha post fi Triq Wied Sara (Nru 1) talbet lill-Kunsill li tingħata materjal biex tagħmel il-bankina tal-istess post. Ix-xogħol tal-bankina ser tieħu ħsiebu hi. Il-Kunsill qabel li nagħtuha l-materjal meħtieġ biex issir il-bankina.

7.02 John Mercieca li joqgħod fi Triq Għammar ilmenta dwar siġra tat-tin li hemm fl-istess triq u li qed tostakola t-traffiku. Il-Kunsill qabel li għandna naraw ta' min hi s-siġra u navżawh biex jiżborha. Jekk sid is-siġra jaqbel, ix-xogħol isir mill-Kunsill stess.

**8. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 6-51 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis 26 ta' Lulju, 2012 fis-7.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.00p.m.

Andrew Vella
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv